REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/790

tat-23 ta' April 2025

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament operattiv tal-kulleġġi tas-superviżuri

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 51(5), it-tieni subparagrafu, u 116(5), it-tielet subparagrafu, tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2013/36/UE tistabbilixxi regoli dwar is-setgħat u l-għodod superviżorji għas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mill-awtoritajiet kompetenti. Il-kulleġġi tas-superviżuri huma l-veikoli li permezz tagħhom jiġu kkoordinati l-attivitajiet superviżorji. Skont l-Artikolu 116 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżuri konsolidanti għandhom jistabbilixxu kulleġġi ta' superviżuri biex jiffaċilitaw ċerti kompiti superviżorji u jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw istituzzjoni b'fergħat sinifikanti fi Stati Membri oħra huma, skont l-Artikolu 51(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, meħtieġa jistabbilixxu u jippresiedu kulleġġi ta' superviżuri fejn l-Artikolu 116 ta' dik id-Direttiva ma jkunx applikabbli.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99 [2] jistabbilixxi regoli dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi tas-superviżuri li għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 51(3) u l-Artikolu 116 tad-Direttiva 2013/36/UE. Peress li r-rekwiżiti prudenzjali rilevanti għall-kulleġġi superviżorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE ġew emendati, diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/99 jeħtieġ li jiġu aġġornati. Barra minn hekk, biex jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bla xkiel u f'waqtu bejn il-membri u l-osservaturi tal-kulleġġi tas-superviżuri u mal-kulleġġi stabbiliti f'konformità ma' leġiżlazzjoni settorjali oħra, jeħtieġ li jiġu stabbiliti proċessi ċari u prevedibbli f'qafas operattiv deskritt b'mod ċar skont mudelli speċifiċi. Sabiex tiġi indirizzata din il-ħtieġa għat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni tal-kulleġġi tas-superviżuri, il-mudelli rilevanti jeħtieġ li jiġu aġġornati kif xieraq. Fid-dawl tal-għadd ta' bidliet f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni li jkunu meħtieġa biex jirriflettu l-emendi għad-Direttiva 2013/36/UE, u għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/99 jitħassar u jiġi sostitwit.

(3) L-immappjar tal-entitajiet fi grupp fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi huwa pass essenzjali għall-identifikazzjoni tal-membri u tal-osservaturi potenzjali tal-kulleġġi tas-superviżuri msemmija fl-Artikoli 116 u 51 tad-Direttiva 2013/36/UE u għall-istabbiliment sussegwenti tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata l-prestazzjoni tal-eżerċizzju ta' mmappjar, jenħtieġ li dan jitmexxa mis-superviżur konsolidanti, li jikkoopera mal-membri potenzjali tal-kulleġġ tas-superviżuri li jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw u jipprovdu l-kontribut tagħhom għall-eżerċizzju. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni rilevanti kollha tingħabar u tiġi riflessa fl-immappjar, jenħtieġ li dan jitwettaq bl-użu ta' mudell komuni. Huwa essenzjali li l-mudell komuni tal-immappjar jirrifletti l-istabbiliment ta' kulleġġi tas-superviżuri filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-kulleġġi u l-osservazzjoni tal-kulleġġi stabbiliti f'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra.

[1] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99 tas-16 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-funzjonament operattiv tal-kulleġġi ta' superviżuri skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 21, 28.1.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/99/oj).

(4) Abbażi tal-ħtieġa għal kooperazzjoni effettiva bejn il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri, jenħtieġ li dawk il-membri jkollhom il-possibbiltà li jipparteċipaw fil-kompożizzjoni tal-kulleġġ fir-rigward tal-osservaturi. Meta s-superviżur konsolidanti jkollu l-ħsieb li jitlob awtorità biex tipparteċipa bħala osservatur, jenħtieġ li l-membri jiġu infurmati permezz ta' notifika u jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien biex jivvalutaw tali talbiet. Fejn tali osservazzjoni ma tkunx meħtieġa bil-liġi, jenħtieġ li l-membri jkollhom il-possibbiltà li jopponuha. Għaldaqstant, huwa essenzjali li jiġi żgurat li fil-proċess tal-kostituzzjoni tal-kulleġġ, it-talbiet tas-superviżur konsolidanti lill-membri futuri jipprečedu dawk lill-osservaturi futuri.

(5) Sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni bla xkiel bejn il-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri, b'mod partikolari f'każijiet ta' emerġenza, jenħtieġ li s-superviżur konsolidanti jistabbilixxi lista ta' kuntatt bid-dettalji ta' kuntatt kollha meħtieġa u b'dettalji ta' kuntatt barra l-ħinijiet tax-xogħol u għandu jikkomunika dik il-lista ta' kuntatt lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ.

(6) Il-proċess tal-konklużjoni u l-emendar tal-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub jenħtieġ li jitmexxa mis-superviżur konsolidanti li jenħtieġ li jiżgura li l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw u jipprovdu l-input tagħhom għall-arranġamenti proposti, inklużi t-termini tal-parteċipazzjoni tal-osservaturi. Sabiex jiġi żgurat li l-arranġamenti konklużi mill-kulleġġi superviżorji jkunu konsistenti, f'termini ta' struttura u dispożizzjonijiet koperti, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu flessibbiltà xierqa għall-inklużjoni ta' arranġamenti u ftehimiet speċifiċi għall-kulleġġ, jenħtieġ li l-arranġamenti jiġu żviluppati skont mudell komuni. Sabiex jiġi żgurat li dejjem ikun hemm kondiviżjoni adegwata tal-informazzjoni f'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp jew tal-entitajiet tiegħu, jenħtieġ li l-mudell jipprevedi wkoll deskrizzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata jekk tali event jimmaterjalizza.

(7) Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-laqgħat tal-kulleġġi tas-superviżuri spiss kellhom jiġu ttrasferiti għal kanali virtwali u l-laqgħat virtwali saru parti importanti mill-funzjonament tal-kulleġġi. Biex jirrifletti dik il-bidla fil-prattika, u biex jiggarantixxi l-kontinwità tal-funzjonijiet tal-kulleġġi f'każ ta' events simili fil-futur, jenħtieġ li s-superviżur konsolidanti jkollu flessibbiltà biex jiddeċiedi l-format tal-laqgħat tal-kulleġġ. Filwaqt li huwa meħtieġ li l-kulleġġ tas-superviżuri dejjem ikollu l-possibbiltà li jorganizza l-laqgħat tiegħu virtwalment, is-superviżur konsolidanti fid-determinazzjoni tal-format tal-laqgħa, jenħtieġ li jqis l-objettivi tal-laqgħa, b'mod partikolari għall-fini li jintlaħqu deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE u dwar il-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-kulleġġ tas-superviżuri jikkostitwixxi b'mod effettiv pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni, kooperazzjoni u koordinazzjoni, bl-għan li jiġu protetti l-interessi tad-depożitanti u l-investituri fl-Istati Membri tagħhom u biex tiġi protetta l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, jenħtieġ li jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni mal-membri, u l-osservaturi, u b'mod partikolari mal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Istat Membru domiċiljari. Għalhekk, is-superviżur konsolidanti jenħtieġ li jittrażmetti biċċa informazzjoni partikolari lill-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri, meta s-superviżur konsolidanti jqis li dan ikun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, inkluż meta entità fi grupp tikser, jew minħabba kundizzjoni finanzjarja li tiddeterjora malajr x'aktarx li fil-futur qrib tikser, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew id-Direttiva 2013/36/UE, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew f'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp jew tal-entitajiet tiegħu. Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' sinjali bikrija ta' twissija kif ukoll riskji u vulnerabbiltajiet potenzjali għall-infurmar tar-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju tal-grupp u r-rapport ta' valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità, is-superviżur konsolidanti u membri oħra tal-

([3]) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

kulleġġ tas-superviżuri jenħtieġ li jiftiehmu minn qabel dwar l-indikaturi li għandhom jiġu skambjati mill-inqas fuq bażi annwali. Dawk l-indikaturi jenħtieġ li jiġu kkalkulati abbażi tad-data ta' superviżjoni li l-awtoritajiet kompetenti jiġbru f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3117 ([5]). Sabiex jiġi żgurat skambju regolari ta' informazzjoni dwar l-indikaturi, il-mudell għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub jenħtieġ li jinkludi Anness b'lista ta' indikaturi miftiehma.

(9) L-istabbiliment u l-aġġornament tal-qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza jenħtieġ li jitmexxew mis-superviżur konsolidanti li jenħtieġ li jiżgura li l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw u jipprovdu l-input tagħhom għall-qafas propost. L-arranġamenti operattivi speċifiċi għal kull kulleġġ tas-superviżuri fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri f'sitwazzjoni ta' emerġenza jenħtieġ li jiġu deskritti fl-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub bl-għan li jiġu żgurati kooperazzjoni u ġestjoni effiċjenti u effettivi ta' sitwazzjoni ta' emerġenza. Sabiex jiġi żgurat li r-rispons superviżorju kkoordinat għal sitwazzjoni ta' emerġenza jqis l-informazzjoni rilevanti kollha għall-aħjar ġestjoni possibbli tas-sitwazzjoni, l-involviment tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp huwa kruċjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-input mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jiġi kondiviż mis-superviżur konsolidanti mal-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u jitqies fl-iżvilupp tar-rispons superviżorju kkoordinat.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority).

(11) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

IL-FUNZJONAMENT OPERATTIV TAL-KULLEĠĠI TAS-SUPERVIŻURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 116 TAD-DIRETTIVA 2013/36/UE

Taqsima 1

L-istabbiliment u l-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji

Artikolu 1

Immappjar ta' grupp ta' istituzzjonijiet

1. Is-superviżur konsolidanti għandu jissottometti l-abbozz tal-immappjar, imħejji f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/791 ([7]) lill-awtoritajiet eliġibbli biex isiru membri tal-kulleġġ tas-superviżuri skont l-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament ("membri potenzjali tal-kulleġġ tas-superviżuri"), u għandu jistieden lil dawk l-awtoritajiet jipprovdu l-fehmiet tagħhom u jindika skadenza għas-sottomissjoni ta' dawk il-fehmiet.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/3117 tad-29 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 (ĠU L, 2024/3117, 27.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3117/oj).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/791 tat-23 ta' April 2025 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2013/36 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet ġenerali għall-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98 (ĠU L 2025/791, 8.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/791/oj).

2. Għall-finijiet tal-immappjar u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur konsolidanti għandu jikkunsidra kwalunkwe fehma espressa mill-membri potenzjali tal-kulleġġ tas-superviżuri.

3. Mal-finalizzazzjoni, is-superviżur konsolidanti għandu jikkomunika l-immappjar lill-membri potenzjali kollha tal-kulleġġ superviżorju.

4. Is-superviżur konsolidanti għandu jaġġorna l-immappjar, f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1, 2 u 3, mill-inqas fuq bażi annwali. L-immappjar għandu jiġi aġġornat aktar ta' spiss fejn ikun hemm bidliet sinifikanti fl-istruttura tal-grupp ta' istituzzjonijiet.

5. Is-superviżur konsolidanti għandu juża l-mudell stabbilit fl-Anness I għall-istabbiliment u l-aġġornament tal-immappjar.

Artikolu 2

Stabbiliment ta' kulleġġ tas-superviżuri

1. Is-superviżur konsolidanti għandu jibgħat it-talba msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 lill-awtoritajiet imsemmija f'dak l-Artikolu u għandu jistabbilixxi skadenza għall-aċċettazzjoni tagħha.

L-awtoritajiet li jirċievu talba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiksbu status bħala membri tal-kulleġġ tas-superviżuri mal-aċċettazzjoni tat-talba jew, jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni sal-iskadenza għall-aċċettazzjoni, mal-iskadenza ta' dik l-iskadenza.

2. Is-superviżur konsolidanti għandu jipprovdi notifika lill-awtoritajiet li jkunu aċċettaw it-talba msemmija fil-paragrafu 1. Dik in-notifika għandu jkun fiha dan li ġej:

(a) il-lista tal-awtoritajiet li s-superviżur konsolidanti jipproponi li jitlob li jsiru osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791;

(b) il-lista tal-awtoritajiet li s-superviżur konsolidanti jipproponi li jitlob li jsiru osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791;

(c) il-proposta għat-termini tal-parteċipazzjoni tal-osservaturi msemmija fil-punti (a) u (b) fil-kulleġġ tas-superviżuri;

(d) fir-rigward tal-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a), u l-Artikolu 3(3), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, l-opinjoni tas-superviżur konsolidanti dwar il-valutazzjoni tal-ekwivalenza tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli għall-awtorità superviżorja tal-pajjiż terz.

3. Fin-notifika msemmija fil-paragrafu 2, is-superviżur konsolidanti għandu jistabbilixxi skadenza adegwata li fiha kwalunkwe membru tal-kulleġġ tas-superviżuri li ma jaqbilx jista' jesprimi bil-miktub l-oġġezzjoni motivata bis-sħiħ tiegħu għall-proposta jew l-opinjoni tas-superviżur konsolidanti msemmija f'dak il-paragrafu, il-punt (b), (c) jew (d). Jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'dik l-iskadenza, il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jitqiesu li jkunu ftiehmu dwar il-proposta jew l-opinjoni.

4. Is-superviżur konsolidanti għandu jidħol fi djalogu ma' kwalunkwe membru li ma jaqbilx imsemmi fil-paragrafu 3 bl-involviment tal-EBA u l-membri l-oħra tal-kulleġġ tas-superviżuri, kif xieraq, bl-għan li jintlaħaq ftehim.

5. Bi ftehim mal-membri kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri dwar il-proposta u l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 2, is-superviżur konsolidanti għandu jibgħat it-talbiet lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 biex isiru osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri u għandu jistabbilixxi skadenza għall-aċċettazzjoni tiegħu. It-talba għandha tkun akkumpanjata mit-termini tal-parteċipazzjoni tal-osservaturi.

L-awtoritajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiksbu l-istatus ta' osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri mal-aċċettazzjoni tat-talba u t-termini tal-parteċipazzjoni tal-osservaturi jew mal-iskadenza tal-iskadenza għall-aċċettazzjoni jekk ma jkunu qajmu l-ebda oġġezzjoni qabel dik l-iskadenza.

6. L-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 jistgħu jitolbu li jsiru osservaturi ta' kulleġġ tas-superviżuri. It-talba għandha tiġi indirizzata lis-superviżur konsolidanti. Meta s-superviżur konsolidanti jiddeċiedi li jitlob lil dawk l-awtoritajiet jipparteċipaw fil-kulleġġ tas-superviżuri bħala osservaturi, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 3

Listi ta' kuntatt

1. Is-superviżur konsolidanti għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta' kuntatt li jkun fiha d-dettalji ta' kuntatt sħaħ u lista ta' kuntatt ta' emerġenza li jkun fiha d-dettalji ta' kuntatt sħaħ u d-dettalji ta' kuntatt barra l-ħinijiet tal-uffiċċju li għandhom jintużaw waqt sitwazzjonijiet ta' emerġenza u jikkomunika dawk il-listi ta' kuntatt lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri billi juża l-mudell stabbilit fl-Anness II. Il-lista tal-kuntatt u l-lista tal-kuntatt ta' emerġenza għandha tiġi mehmuża mal-arranġamenti bil-miktub ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

2. Il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt u d-dettalji ta' kuntatt barra l-ħinijiet tal-uffiċċju tagħhom lis-superviżur konsolidanti u għandhom jinfurmaw lis-superviżur konsolidanti dwar kwalunkwe bidliet f'dawk id-dettalji mingħajr dewmien żejjed.

3. Wara li jkun irċieva informazzjoni dwar bidla kif imsemmi fil-paragrafu 2, is-superviżur konsolidanti għandu jikkomunika verżjoni aġġornata tal-lista ta' kuntatt jew tal-lista ta' kuntatt ta' emerġenza lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 4

Arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub

1. Is-superviżur konsolidanti għandu jħejji proposta għall-konklużjoni tal-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 115 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

2. Is-superviżur konsolidanti għandu jikkomunika l-proposta tiegħu lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u għandu jistedinhom jipprovdu l-fehmiet tagħhom, u jindika skadenza għas-sottomissjoni ta' dawk il-fehmiet.

3. Għall-finijiet tal-finalizzazzjoni tal-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub, is-superviżur konsolidanti għandu jqis kwalunkwe fehma espressa mill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u jispjega, jekk ikun meħtieġ, ir-raġuni għaliex ma inkorporax dawk il-fehmiet.

4. Mal-finalizzazzjoni, is-superviżur konsolidanti għandu jikkomunika l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri.

5. Jekk jitqies meħtieġ mis-superviżur konsolidanti u mill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri, l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub għandha tiġi ttestjata permezz ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni jew bi kwalunkwe mod ieħor, kif xieraq.

6. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom, fejn meħtieġ, jemendaw l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub f'każ ta' bidliet fi kwalunkwe wieħed mill-elementi tiegħu msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

L-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub għandhom jiġu emendati f'konformità mal-paragrafu 7 biex jirriflettu kwalunkwe bidliet fis-sħubija tal-kulleġġ tas-superviżuri.

Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jirrieżaminaw l-elementi tal-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 fuq bażi regolari li għandhom jiġu ddeterminati fl-arranġamenti.

7. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ superviżorju għandhom jemendaw l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 4.

8. Is-superviżur konsolidanti għandu juża l-mudell fl-Anness II biex jikkonkludi u jemenda l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub.

Artikolu 5

Laqgħat u attivitajiet tal-kulleġġi tas-superviżuri

1. Il-kulleġġi tas-superviżuri għandhom isejħu mill-inqas laqgħa waħda fis-sena. Madankollu, is-superviżur konsolidanti bil-kunsens tal-membri kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri, wara li jkun qies l-ispeċifiċitajiet tal-grupp, jista' jiddetermina frekwenza differenti ta' laqgħat.

2. Is-superviżur konsolidanti għandu jistabbilixxi l-objettivi tal-laqgħat tal-kulleġġ tas-superviżuri. Is-superviżur konsolidanti għandu jiżgura li dawk l-objettivi jkunu riflessi fl-aġenda tal-laqgħat.

3. Is-superviżur konsolidanti għandu jiddeċiedi jekk il-laqgħa tissejjaħx f'format fiżiku jew virtwali, abbażi tal-objettivi tal-laqgħa.

4. Is-superviżur konsolidanti għandu jibgħat l-aġenda proposta tal-laqgħa lill-membri kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri, lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, u lil dawk l-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri li s-superviżur konsolidanti biħsiebu jistieden f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat 2025/791 u għandu jistedinhom jipproponu kwalunkwe punt addizzjonali fl-aġenda.

Is-superviżur konsolidanti għandu jqis kwalunkwe proposta dwar il-punti fl-aġenda magħmula mill-membri u l-osservaturi msemmija fl-ewwel subparagrafu u għandu jispjega, fejn mitlub, ir-raġuni għaliex ma ġewx inkorporati dawk il-proposti.

5. Is-superviżur konsolidanti u l-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri li huma involuti f'laqgħa jew attività partikolari għandhom jiskambjaw dokumenti u kontribuzzjonijiet għad-dokumenti ta' ħidma ferm qabel il-laqgħa jew l-attività biex il-parteċipanti kollha fil-laqgħa jew fl-attività jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għad-diskussjonijiet.

Taqsima 2

Ippjanar u koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat

Artikolu 6

Skambju ta' informazzjoni bejn is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri

1. Meta jirċeviha mingħand membru tal-kulleġġ superviżorju, is-superviżur konsolidanti għandu jittrażmetti l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 lill-membri l-oħra tal-kulleġġ tas-superviżuri.

Jekk is-superviżur konsolidanti jqis li kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkunx rilevanti għal membru partikolari tal-kulleġġ tas-superviżuri, huwa għandu l-ewwel jikkonsulta lil dak il-membru u jipprovdilu l-punti ewlenin tal-informazzjoni li tippermettilu jiddetermina r-rilevanza ta' dik l-informazzjoni.

2. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ superviżorju għandhom jittrażmettu lil xulxin l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(4) u (5) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

3. Fejn meħtieġ għall-funzjonament effiċjenti u effettiv tal-kulleġġ tas-superviżuri, is-superviżur konsolidanti għandu jorganizza dak il-kulleġġ f'sottostrutturai differenti. Meta l-kulleġġ tas-superviżuri jkun organizzat f'sottostrutturi differenti, is-superviżur konsolidanti għandu jżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri infurmati bis-sħiħ, mingħajr dewmien żejjed, dwar l-azzjonijiet meħuda jew il-miżuri mwettqa f'sottostrutturi differenti.

4. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jiftiehmu dwar il-mezzi għall-iskambju ta' informazzjoni u għandhom jispeċifikaw dak il-ftehim fl-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

Artikolu 7

Skambju ta' informazzjoni bejn is-superviżur konsolidanti u l-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri

1. Malli jilħaq deċiżjoni konġunta dwar ir-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur konsolidanti għandu jipprovdi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

2. Fil-każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp jew tal-entitajiet tiegħu, is-superviżur konsolidanti għandu jikkomunika lill-osservaturi rilevanti l-informazzjoni rilevanti kondiviża għall-finijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

Artikolu 8

Rieżami kontinwu tal-permess biex jintużaw approċċi interni

1. Meta l-istituzzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru, inkluża l-impriża omm tal-UE, ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' approċċ intern f'konformità mal-Artikolu 143(1), l-Artikolu 151(4) jew (9), l-Artikolu 283, l-Artikolu 312(2), jew l-Artikolu 363 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew fejn kwalunkwe membru rilevanti tal-kulleġġ tas-superviżuri msemmi fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 ("membru rilevanti") jidentifika nuqqasijiet materjali f'konformità mal-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur konsolidanti u l-membru rilevanti għandhom jaħdmu flimkien, f'konsultazzjoni sħiħa, biex jiftiehmu dwar kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ir-revoka tal-permess biex jintuża l-mudell intern kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791;

(b) ir-restrizzjoni tal-użu tal-mudell intern kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament Delegat;

(c) l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament Delegat.

2. Is-superviżur konsolidanti u l-membri rilevanti tal-kulleġġ tas-superviżuri li jissorveljaw l-entitajiet li jużaw il-mudell intern approvat u li huma affettwati min-nuqqasijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu b'mod konġunt id-deċiżjoni dwar ir-revoka tal-permess biex jintuża mudell intern jew dwar ir-restrizzjoni tal-użu tal-mudell intern. Il-kooperazzjoni bejn is-superviżur konsolidanti u dawk il-membri għandha ssegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 3 sa 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/100 ([8]).

3. Deċiżjoni dwar l-impożizzjoni ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu għandha tittieħed f'konformità mal-proċedura ta' deċiżjoni konġunta dwar il-kapital stabbilita fl-Artikolu 113(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/100 tas-16 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-proċess ta' deċiżjoni konġunta fir-rigward tal-applikazzjoni għal ċerti permessi prudenzjali skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 21, 28.1.2016, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/100/oj).

4. Is-superviżur konsolidanti għandu jinforma lill-membri l-oħra kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri dwar id-deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafu 1, meta jqis li tali informazzjoni x'aktarx taffettwa attivitajiet oħra tal-kulleġġ jew tkun essenzjali għall-eżerċizzju tal-kompiti ta' membri oħra tal-kulleġġ.

Artikolu 9

Notifika ta' estensjonijiet jew bidliet mhux materjali f'approċċi interni

1. Is-superviżur konsolidanti għandu jinforma lill-membri rilevanti kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri dwar kwalunkwe estensjoni jew bidla mhux materjali f'mudell intern approvat li taffettwa lil kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru mingħajr dewmien.

2. Membru rilevanti ta' kulleġġ tas-superviżuri għandu jinforma lis-superviżur konsolidanti bi kwalunkwe estensjoni jew bidla mhux materjali li taffettwa kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet taħt il-mandat superviżorju ta' dak il-membru.

3. Membru rilevanti ta' kulleġġ tas-superviżuri li jkollu tħassib dwar il-klassifikazzjoni ta' estensjoni jew bidla bħala mhux materjali għandu jikkomunika dak it-tħassib lis-superviżur konsolidanti. Is-superviżur konsolidanti għandu jipprovdi dik l-informazzjoni lill-membri rilevanti l-oħra tal-kulleġġ tas-superviżuri.

Superviżur konsolidanti li jkollu tħassib dwar il-klassifikazzjoni ta' estensjoni jew bidla bħala mhux materjali għandu jikkomunika dak it-tħassib lill-membri rilevanti kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri. Is-superviżur konsolidanti u dawk il-membri għandhom jiddiskutu d-dettalji ta' dak it-tħassib biex tintlaħaq opinjoni komuni dwar il-materjalità tal-estensjoni jew tal-bidla.

4. Meta s-superviżur konsolidanti u l-membri rilevanti tal-kulleġġ superviżorju jqisu li estensjonijiet jew bidliet għal mudell intern approvat ġew ikklassifikati b'mod skorrett mill-istituzzjoni kkonċernata bħala mhux materjali, huma għandhom jinfurmaw lil dik l-istituzzjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 10

Skambju ta' informazzjoni rigward sinjali bikrija ta' twissija, riskji potenzjali u vulnerabbiltajiet

1. Il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jikkalkulaw l-indikaturi msemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 abbażi tal-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti jiġbru mingħand l-istituzzjonijiet superviżati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3117.

L-indikaturi miftiehma għandhom jiġu stabbiliti fl-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u jkunu bbażati fuq il-mudell għal-lista ta' indikaturi stabbilita fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Kull membru tal-kulleġġ tas-superviżuri li jkun qed jipparteċipa fl-iżvilupp ta' rapport ta' valutazzjoni tar-riskju tal-grupp kif imsemmi fl-Artikolu 113(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE jew rapport ta' valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità tal-grupp imsemmi fl-Artikolu 113(2), il-punt (b), ta' dik id-Direttiva għall-finijiet li jintlaħqu deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni f'konformità ma' dak l-Artikolu għandu jikkomunika lis-superviżur konsolidanti l-valuri tal-indikaturi miftiehma għall-istituzzjonijiet taħt il-mandat superviżorju tiegħu, kif rilevanti.

3. Is-superviżur konsolidanti għandu jipprovdi lil kull membru tal-kulleġġ tas-superviżuri msemmi fil-paragrafu 2:

(a) il-valuri msemmija f'dak il-paragrafu 2;

(b) il-valuri tal-indikaturi miftiehma għall-impriża omm tal-UE u fil-livell konsolidat.

4. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiskambjaw il-valuri tal-indikaturi miftiehma mill-inqas darba fis-sena, jew aktar ta' spiss meta jkun miftiehem minn dawk l-awtoritajiet kompetenti. F'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp jew tal-entitajiet tiegħu, il-valuri ta' dawk l-indikaturi msemmija f'dak il-paragrafu, li jiġu affettwati mill-event, għandhom jiġu aġġornati u skambjati mis-superviżur konsolidanti u mill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri msemmija fil-paragrafu 2 mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 11

Programm ta' eżami u inkarigu tal-kompiti u d-delega tar-responsabbiltajiet

1. Malli jilħqu d-deċiżjoni konġunta dwar ir-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE, il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jipprovdu l-kontribuzzjonijiet tagħhom lis-superviżur konsolidanti għall-finijiet tal-istabbiliment tal-programm ta' eżami tal-kulleġġ tas-superviżuri kif imsemmi fl-Artikolu 116(1), il-punt (c), tad-Direttiva 2013/36/UE f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

2. Wara li jkun irċieva l-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, is-superviżur konsolidanti għandu jħejji abbozz ta' programm ta' eżami għall-kulleġġ tas-superviżuri, inklużi proposti, fejn rilevanti, għall-inkarigu tal-kompiti u d-delega tar-responsabbiltajiet.

3. Is-superviżur konsolidanti għandu jiċċirkola l-abbozz tal-programm ta' eżami lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u jistedinhom jipprovdu l-fehmiet tagħhom bil-miktub dwar l-oqsma ta' ħidma konġunta u kwalunkwe proposta għall-inkarigu tal-kompiti u d-delega tar-responsabbiltajiet, u għandu jindika skadenza għas-sottomissjoni ta' tali fehmiet.

4. Għall-finijiet tat-tlestija tal-programm ta' eżami, is-superviżur konsolidanti għandu jqis kwalunkwe fehma u riżerva espressa mill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u jispjega, jekk ikun meħtieġ, ir-raġuni għaliex ma ġewx inkorporati dawk il-fehmiet.

5. Mat-tlestija tal-programm ta' eżami, is-superviżur konsolidanti għandu jikkomunika dak il-programm lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri flimkien ma' kwalunkwe ftehim li jkunu kkonkludew, fuq bażi volontarja dwar l-inkarigu tal-kompiti u d-delega tar-responsabbiltajiet f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

6. Il-programm ta' eżami tal-kulleġġ tas-superviżuri għandu jiġi aġġornat mill-inqas darba fis-sena, jew aktar spiss jekk jitqies meħtieġ bħala riżultat tar-rieżami u l-evalwazzjoni superviżorji skont l-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew bħala riżultat ta' deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 113 ta' dik id-Direttiva.

7. Is-superviżur konsolidanti għandu jaġġorna l-programm ta' eżami f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 5.

Artikolu 12

Skambju ta' informazzjoni f'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp jew tal-entitajiet tiegħu

F'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp jew tal-entitajiet tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, is-superviżur konsolidanti u l-membri rilevanti tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness II biex jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

Taqsima 3

Ippjanar u koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji bi tħejjija għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u waqthom

Artikolu 13

Qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, is-superviżur konsolidanti għandu jħejji proposta għall-istabbiliment ta' qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

2. Is-superviżur konsolidanti għandu jissottometti l-proposta tiegħu lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri, jistedinhom jipprovdu l-fehmiet tagħhom u jindika skadenza għas-sottomissjoni ta' dawk il-fehmiet.

3. Is-superviżur konsolidanti għandu jqis kwalunkwe fehma u riżerva espressi mill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u, fejn dawk il-fehmiet u r-riżervi ma jkunux tqiesu, jipprovdi r-raġunijiet għal dan.

4. Is-superviżur konsolidanti għandu jikkomunika l-verżjoni finali tal-qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri.

5. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jirrieżaminaw il-qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza mill-inqas darba fis-sena u jaġġornaw dak il-qafas tal-kulleġġ fejn meħtieġ.

6. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jaġġornaw il-qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 14

Skambju ta' informazzjoni waqt sitwazzjoni ta' emerġenza

1. Superviżur konsolidanti li jsir konxju ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li taffettwa jew li x'aktarx taffettwa istituzzjoni jew fergħa tal-grupp stabbilita fi Stat Membru għandu jwissi lill-EBA u lill-membru tal-kulleġġ tas-superviżuri li jissorvelja l-istituzzjoni jew il-fergħa affettwata jew li x'aktarx tiġi affettwata minn dik is-sitwazzjoni ta' emerġenza mingħajr dewmien żejjed.

2. Membru tal-kulleġġ tas-superviżuri li jsir konxju ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li taffettwa jew li x'aktarx taffettwa istituzzjoni jew fergħa tal-grupp stabbilita fi Stat Membru għandu jwissi lis-superviżur konsolidanti mingħajr dewmien żejjed.

3. Is-superviżur konsolidanti għandu jiżgura li l-membri l-oħra kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri jkunu infurmati b'mod adegwat dwar dan li ġej:

(a) il-valutazzjoni superviżorja kkoordinata tas-sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmija fl-Artikolu 15;

(b) ir-rispons superviżorju kkoordinat kif imsemmi fl-Artikolu 16, inklużi l-azzjonijiet meħuda jew ippjanati, u l-monitoraġġ tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 17;

(c) il-miżuri bikrija ta' intervent adottati skont l-Artikoli 27, 28 u 29 tad-Direttiva 2014/59/UE, kif rilevanti, filwaqt li titqies il-ħtieġa għall-koordinazzjoni ta' dawk il-miżuri f'konformità mal-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva, jew id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 32 ta' dik id-Direttiva.

4. Sitwazzjoni ta' emerġenza ristretta għal entità fi grupp speċifiku għandha tiġi ġestita mill-membru tal-kulleġġ tas-superviżuri responsabbli għas-superviżjoni ta' dik l-entità fi grupp flimkien mas-superviżur konsolidanti.

5. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, għandha tiġi aġġornata minnufih meta tkun disponibbli informazzjoni ġdida.

6. Meta l-iskambju ta' informazzjoni jew kwalunkwe komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 issir bil-fomm, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkonfermaw il-kontenut ta' dik il-komunikazzjoni jew dik l-informazzjoni bil-miktub mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 15

Koordinazzjoni tal-valutazzjoni superviżorja ta' sitwazzjoni ta' emerġenza

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, is-superviżur konsolidanti għandu jikkoordina l-iżvilupp ta' abbozz ta' valutazzjoni superviżorja kkoordinata tas-sitwazzjoni ta' emerġenza, abbażi tal-valutazzjoni tiegħu stess u tal-valutazzjoni tal-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri li jissorveljaw l-entitajiet fi grupp affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza.

2. L-abbozz tal-valutazzjoni superviżorja kkoordinata għandu jkopri l-entitajiet fi grupp li huma affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza. Il-fehmiet u l-valutazzjonijiet tal-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri responsabbli għas-superviżjoni ta' dawk l-entitajiet fi grupp imsemmija fl-Artikolu 14(4) u l-input mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp għandhom jitqiesu b'mod adegwat mis-superviżur konsolidanti.

3. Meta s-sitwazzjoni ta' emerġenza tkun ristretta għal entità speċifika fi grupp, il-membru tal-kulleġġ tas-superviżuri li jkun responsabbli għas-superviżjoni ta' dik l-entità fi grupp għandu jwettaq, flimkien mas-superviżur konsolidanti, il-valutazzjoni superviżorja tas-sitwazzjoni ta' emerġenza.

Artikolu 16

Koordinazzjoni tar-rispons superviżorju ta' sitwazzjoni ta' emerġenza

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, is-superviżur konsolidanti għandu jmexxi l-iżvilupp ta' rispons superviżorju kkoordinat għas-sitwazzjoni ta' emerġenza fir-rigward tal-grupp u tal-entitajiet fi grupp li huma affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza. Il-fehmiet u l-valutazzjonijiet tal-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri li huma responsabbli għas-superviżjoni ta' dawk l-entitajiet fi grupp għandhom jitqiesu b'mod adegwat mis-superviżur konsolidanti.

2. Meta s-sitwazzjoni ta' emerġenza tkun ristretta għal entità speċifika fi grupp, il-membru tal-kulleġġ tas-superviżuri li jkun responsabbli għas-superviżjoni ta' dik l-entità fi grupp għandu jwettaq, flimkien mas-superviżur konsolidanti, l-iżvilupp tar-rispons superviżorju kkoordinat għas-sitwazzjoni ta' emerġenza.

3. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ superviżorju għandhom iwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 mingħajr dewmien żejjed.

4. L-iżvilupp tal-valutazzjoni superviżorja kkoordinata ta' sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmija fl-Artikolu 15 u l-iżvilupp tar-rispons superviżorju kkoordinat għal dik is-sitwazzjoni ta' emerġenza jistgħu jitwettqu b'mod parallel.

Artikolu 17

Monitoraġġ u aġġornament tar-rispons superviżorju kkoordinat għal sitwazzjoni ta' emerġenza

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 23 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, is-superviżur konsolidanti għandu jikkoordina l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet superviżorji speċifikati fir-rispons superviżorju kkoordinat.

2. Il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri li jissorveljaw l-entitajiet fi grupp affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza għandhom jinfurmaw lis-superviżur konsolidanti dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet superviżorji relatati mal-entitajiet fi grupp rispettivi tagħhom, kif rilevanti.

3. Is-superviżur konsolidanti għandu jipprovdi lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri, inkluża l-EBA, kwalunkwe aġġornament dwar il-monitoraġġ tar-rispons superviżorju kkoordinat. Dawk l-aġġornamenti għandhom ikopru l-grupp u l-entitajiet fi grupp li huma affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza.

4. Is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri li jissorveljaw l-entitajiet fi grupp affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jaġġornaw ir-rispons superviżorju kkoordinat filwaqt li jqisu l-informazzjoni li jirċievu mingħand xulxin filwaqt li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' dak ir-rispons.

5. Il-kompiti msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jitwettqu mingħajr dewmien żejjed.

KAPITOLU 2

FUNZJONAMENT OPERATTIV TAL-KULLEĠĠI TAS-SUPERVIŻURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 51(3) TAD-DIRETTIVA 2013/36/UE

Taqsima 1

Sstabbiliment u funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri

Artikolu 18

Immappjar tal-istituzzjonijiet, l-istabbiliment ta' kulleġġ tas-superviżuri, il-listi ta' kuntatt u l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub

1. Għall-kulleġġi tas-superviżuri msemmija fl-Artikolu 51(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha twettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) tistabbilixxi u taġġorna l-immappjar ta' istituzzjoni;

(b) tistabbilixxi kulleġġ superviżorju;

(c) tistabbilixxi u taġġorna l-listi ta' kuntatt;

(d) tikkonkludi u temenda arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-Artikoli 1 sa 4 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 19

Laqgħat u attivitajiet tal-kulleġġ tas-superviżuri

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tistabbilixxi kooperazzjoni regolari mal-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri fil-forma ta' laqgħat jew attivitajiet oħra.

2. L-organizzazzjoni ta' laqgħat u attivitajiet, u l-objettivi tagħhom, għandhom jiġu kkomunikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri, inkluża l-EBA.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tistabbilixxi b'mod ċar l-objettivi tal-laqgħat jew tal-attivitajiet u għandha tiżgura li dawk l-objettivi jiġu riflessi fil-punti fl-aġenda tal-laqgħat jew tal-attivitajiet.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tibgħat l-aġenda proposta tal-laqgħa lill-membri kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri, lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Istat Membru domiċiljari, u lil dawk l-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri li bihsiebha tistieden f'konformità mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2025/791 u għandha tistedinhom jipproponu kwalunkwe punt addizzjonali fl-aġenda. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tqis kwalunkwe proposta dwar il-punti fl-aġenda magħmula minn dawk il-membri u l-osservaturi u għandha tispjega, fejn mitluba, ir-raġuni għaliex ma ġewx inkorporati dawk il-proposti.

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri li huma involuti f'laqgħa jew attività partikolari għandhom jiċċirkolaw id-dokumenti u l-kontribuzzjonijiet għad-dokumenti ta' ħidma f'tali żmien qabel l-attività jew il-laqgħa sabiex jiġu kkunsidrati b'mod adegwat mill-membri parteċipanti u l-osservaturi tal-kulleġġ.

Taqsima 2

Ippjanar u koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat

Artikolu 20

Qafas ġenerali għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri

1. Meta tirċeviha mingħand membru tal-kulleġġ superviżorju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 lill-membri l-oħra tal-kulleġġ tas-superviżuri.

Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tqis li kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu mhijiex rilevanti għal membru partikolari tal-kulleġġ tas-superviżuri, hija għandha l-ewwel tikkonsulta lil dak il-membru u tipprovdilu l-punti ewlenin tal-informazzjoni li tippermettilu jiddetermina ir-rilevanza ta' dik l-informazzjoni.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jittrażmettu lil xulxin l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(4) tar-Regolament Delegat.

3. Fejn meħtieġ għall-funzjonament effiċjenti u effettiv tal-kulleġġ tas-superviżuri, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha torganizza l-kulleġġ f'sottostrutturi differenti. Meta l-kulleġġ tas-superviżuri jkun organizzat f'sottostrutturi differenti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha żżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ tas-superviżuri infurmati bis-sħiħ, mingħajr dewmien żejjed, dwar l-azzjonijiet meħuda jew il-miżuri mwettqa f'sottostrutturi differenti.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jiftiehmu dwar il-mezzi għall-iskambju ta' informazzjoni u għandhom jispeċifikaw dak il-ftehim fl-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

Artikolu 21

Qafas ġenerali għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-osservaturi tal-kulleġġ tas-superviżuri

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(3), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari lill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' dak l-Istat Membru malli jitlestew ir-rieżami u l-evalwazzjoni superviżorji għall-istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE.

2. F'każ ta' avveniment ta' effett materjali negattiv fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jew tal-fergħat sinifikanti tagħha, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika lill-osservaturi rilevanti l-informazzjoni rilevanti kondiviża għall-finijiet tal-Artikolu 35 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.

Artikolu 22

Programm ta' eżami

1. Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-programm ta' eżami tal-kulleġġ tas-superviżuri msemmi fl-Artikolu 99 tad-Direttiva 2013/36/UE u f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jipprovdu l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari.

2. Wara li tkun irċeviet il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tħejji abbozz ta' programm ta' eżami għall-kulleġġ tas-superviżuri.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tiċċirkola l-abbozz tal-programm ta' eżami lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u għandha tistedinhom jipprovdu l-fehmiet tagħhom bil-miktub dwar l-oqsma ta' ħidma konġunta, u tindika skadenza għas-sottomissjoni ta' tali fehmiet.

4. Għall-finijiet tat-tlestija tal-programm ta' eżami, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tqis kwalunkwe fehma espressa mill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u tispjega, fejn meħtieġ, ir-raġunijiet għaliex ma ġewx inkorporati dawk il-fehmiet.

5. Mat-tlestija tal-programm ta' eżami, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tikkomunika dak il-programm lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri.

6. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha taġġorna l-programm ta' eżami tal-kulleġġ tas-superviżuri f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu mill-inqas darba fis-sena, jew aktar ta' spiss meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jew il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri jqisu li tali aġġornament ikun meħtieġ bħala riżultat tar-rieżami u l-evalwazzjoni superviżorji mwettqa skont l-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE.

Artikolu 23

Skambju ta' informazzjoni f'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jew il-fergħat sinifikanti tagħha

F'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jew il-fergħat sinifikanti tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-membri rilevanti tal-kulleġġ tas-superviżuri kif imsemmija fl-Artikolu 35(1) ta' dak ir-Regolament Delegat għandhom jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness II biex jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 35(1) ta' dak ir-Regolament.

Taqsima 3

Ippjanar u koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji bi tħejjija għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u waqthom u dispożizzjonijiet finali

Artikolu 24

Qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 36 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tħejji proposta għall-istabbiliment ta' qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tippreżenta l-proposta tagħha għall-istabbiliment ta' qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri, tistedinhom jipprovdu l-fehmiet tagħhom, u tistabbilixxi skadenza għas-sottomissjoni ta' dawk il-fehmiet.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tqis kwalunkwe fehma espressa mill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri u, fejn tali fehmiet ma jkunux tqiesu, tipprovdi r-raġunijiet għal dan.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tikkomunika l-verżjoni finali tal-qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri.

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom, mill-inqas fuq bażi annwali, jirrevedu u, fejn meħtieġ, jaġġornaw il-qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

6. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jaġġornaw il-qafas tal-kulleġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 25

Skambju ta' informazzjoni waqt sitwazzjoni ta' emerġenza

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 37(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, għandha tiġi aġġornata minnufih meta tkun disponibbli informazzjoni ġdida.

2. Meta l-iskambju ta' informazzjoni jew kwalunkwe komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 issir bil-fomm, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkonfermaw il-kontenut ta' dik il-komunikazzjoni jew dik l-informazzjoni bil-miktub mingħajr dewmien żejjed.

3. Meta membru tal-kulleġġ superviżorju jsir konxju ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li taffettwa jew li x'aktarx taffettwa fergħa fil-ġuriżdizzjoni tiegħu, huwa għandu jwissi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 26

Koordinazzjoni tal-valutazzjoni superviżorja ta' sitwazzjoni ta' emerġenza

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tikkoordina l-iżvilupp ta' abbozz ta' valutazzjoni superviżorja kkoordinata tas-sitwazzjoni ta' emerġenza, abbażi tal-valutazzjoni tagħha stess u tal-valutazzjoni tal-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri li jissorveljaw il-fergħat affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza.

2. L-abbozz tal-valutazzjoni superviżorja kkoordinata għandu jkopri l-fergħat li huma affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza. Il-fehmiet u l-valutazzjonijiet tal-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri li jissorveljaw il-fergħat affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati għandhom jiġu riflessi b'mod adegwat fl-abbozz tal-valutazzjoni superviżorja kkoordinata.

3. Meta s-sitwazzjoni ta' emerġenza tkun ristretta għal fergħa speċifika, il-membru tal-kulleġġ tas-superviżuri li jkun responsabbli għas-superviżjoni ta' dik il-fergħa għandu jwettaq, flimkien mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, il-valutazzjoni superviżorja tas-sitwazzjoni ta' emerġenza.

Artikolu 27

Koordinazzjoni, monitoraġġ u aġġornament tar-rispons superviżorju għal sitwazzjoni ta' emerġenza

1. Hija u tiżviluppa r-rispons ikkoordinat għal sitwazzjoni ta' emerġenza kif stabbilit fl-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tqis b'mod adegwat il-fehmiet tal-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri li jissorveljaw il-fergħat affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mis-sitwazzjoni ta' emerġenza.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha, fejn rilevanti, tikkoordina l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni stabbilita fir-rispons superviżorju kkoordinat.

3. Il-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni miftiehma relatata mal-fergħat fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.

4. Kwalunkwe aġġornament dwar il-monitoraġġ tar-rispons superviżorju kkoordinat għandu jiġi pprovdut mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari lill-membri tal-kulleġġ tas-superviżuri, inkluża l-EBA.

5. L-iżvilupp tal-valutazzjoni superviżorja ta' sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 26 u l-iżvilupp tar-rispons superviżorju kkoordinat għal dik is-sitwazzjoni ta' emerġenza jistgħu jitwettqu b'mod parallel.

Artikolu 28

Tħassir

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/99 jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Mudell tal-immappjar

Istituzzjoni prinċipali tal-UE/kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE/kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE/istituzzjoni	
Ammont totali tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ (f'miljuni ta' euro)	
Hija identifikata bħala istituzzjoni sistemikament importanti globalment (G-SII) jew istituzzjoni sistematikament importanti oħra (O-SII)?	
Inġħatat eżenzjoni skont l-Artikolu 7 jew 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (eżenzjonijiet minn rekwiżiti kapitali)? (Iva/Le)	
Inġħatat eżenzjoni skont l-Artikolu 8 jew l- Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (eżenzjoni minn rekwiżiti ta' likwidità)? (Iva/Le)	
Data tat-tlestija tal-mudell tal-immappjar	

Istituzzjonijiet/Entitajiet tas-settur finanzjarju stabbiliti fi Stat Membru									L-istituzzjoni/-entità tas-settur finanzjarju, hija importanti għall-grupp? (Iva/Le)	L-istituzzjoni/-entità tas-settur finanzjarju, hija importanti għall-Istat Membru li fih hija stabbilita? (Iva/Le)	Ammont totali tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni/entità tas-settur finanzjarju (f'miljuni ta' euro)	Il-kriterji użati għad-determinazzjoni tal-importanza għall-istati Membri, kif applikabbli	Il-kriterji użati għad-determinazzjoni tal-importanza għall-grupp, kif applikabbli	Inġħatat eżenzjoni skont l-Artikolu 7 jew l-Artikolu 10 tar- Regolament (UE) Nru 575/2013 (eżenzjonijiet minn rekwiżiti kapitali)? (Iva/Le)	Inġħatat eżenzjoni skont l-Artikolu 8 jew l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (eżenzjonijiet minn rekwiżiti ta' likwidità)? (Iva/Le)
Awtorità kompetenti/ Awtorità oħra	Stat Membru	Istituzzjoni/Entità tas-settur finanzjarju	Il-Kodiċi tal-Identifikazzjoni Legali, fejn dan jeżisti (qabel l-Identifikaturi ta' Entità Ġuridika (LEI) jew is-Sistema LEI Globali)	L-istituzzjoni/l-entità tas-settur finanzjarju, hija identifikata bħala O-SII?	Kumpanija prinċipali immedjata tal-istituzzjoni/ entità tas-settur finanzjarju	Il-Kodiċi tal-Identifikazzjoni Legali, fejn dan jeżisti (qabel l-Identifikaturi ta' Entità Ġuridika (LEI) jew is-Sistema LEI Globali)	Il-kumpanija prinċipali immedjata hija impriża omm intermedja tal-UE skont l-Artikolu 21b tad-Direttiva 2013/36/UE?	Il-kumpanija prinċipali immedjata hija identifikata bħala O-SII?							
Meta jkun hemm kulleġġ supervizorju ieħor stabbilit skont l-Artikolu 21b tad-Direttiva 2013/36/UE:	Pajjiżi Membri u osservaturi (inkluż pajjiżi terzi):	Awtoritajiet Membri u osservaturi (jekk jogħġbok indika b'tipa grassa meta wkoll membru jew osservatur tal-kulleġġ superviżorju):													
Kulleġġi ta' riżoluzzjoni:	Pajjiżi membri u osservaturi:	Awtoritajiet Membri u osservaturi (jekk jogħġbok indika b'tipa grassa meta wkoll membru jew osservatur tal-kulleġġ superviżorju):													
Il-Grupp tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet (CMG):	Pajjiżi membri:	Awtoritajiet membri (jekk jogħġbok indika b'tipa grassa meta wkoll membru jew osservatur tal-kulleġġ superviżorju):													
Awtorità AML/CFT:	Pajjiżi membri u osservaturi	Awtoritajiet Membri u osservaturi (jekk jogħġbok indika b'tipa grassa meta wkoll membru jew osservatur tal-kulleġġ superviżorju):													

L-isem tas-superviżur konsolidanti jew tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju:	
Indirizz tas-superviżur konsolidanti jew tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju:	
Persuna ta' kuntatt (l-isem, indirizz tal-posta elettronika, numru tat-telefon) tas-superviżur konsolidanti jew tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju:	

L-awtorità rilevanti hija membru jew osservatur tal-kulleġġ superviżorju? Jekk iva u hija parti minn substruttura ta' kulleġġ partikolari, jekk joħgħbok speċifika.	Fergħat stabbiliti fl-Istat Membru						Il-fergħa hija importanti għall-grupp? (Iva/Le)	Il-kriterji użati għad-determinazzjoni tal-importanza, kif applikabbli	Il-fergħa hija importanti għall-Istat Membru skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE? (Iva/Le)	L-awtorità rilevanti hija membru jew osservatur tal-kulleġġ superviżorju? Jekk iva u hija parti minn substruttura ta' kulleġġ partikolari, jekk joħgħbok speċifika.	Istituzzjonijiet u fergħat stabbiliti f'pajjiż terz						L-istituzzjoni/fergħa hija importanti għall-grupp? (Iva/Le)	Il-kriterji użati għad-determinazzjoni tal-importanza, kif applikabbli	Ir-rekwiżiti ta' konfidenzjalità u segretezza professjonali applikabbli għall-awtorità superviżorja tal-pajjiż terz huma valutati bħala ekwivalenti mill-membri kollha tal-kulleġġ superviżorju? (Iva/Le)	L-awtorità superviżorja tal-pajjiż terz hija osservatur tal-kulleġġ superviżorju? Jekk iva u hija parti minn substruttura ta' kulleġġ partikolari, jekk joħgħbok speċifika.
	Awtorità kompetenti/ Awtorità oħra	Stat Membru	Fergħa	Istituzzjoni li taħtha hija stabbilita l-fergħa	Il-Kodiċi tal-Identifikazzjoni Legali tal-istituzzjoni li taħtha hija stabbilita l-fergħa, fejn dan il-kodiċi jeżisti (qabel l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) jew is-Sistema LEI Globali)	L-istituzzjoni fejn hija stabbilita l-fergħa hija identifikata bħala O-SII? (Iva/Le)					Awtorità superviżorja ta' pajjiż terz	Pajjiż terz	Istituzzjoni/fergħa	Il-Kodiċi tal-Identifikazzjoni Legali, fejn dan jeżisti (qabel l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) jew is-Sistema LEI Globali)	Kumpanija prinċipali tal-istituzzjoni	Il-Kodiċi tal-Identifikazzjoni Legali, fejn dan jeżisti (qabel l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) jew is-Sistema LEI Globali)				

Jekk joħgħbok speċifika jekk japplikax l-Artikolu 116 (1a) - is-sussidjarji transfruntiera kollha għandhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom f'pajjiżi terzi (Iva/Le)?		
Hemm struttura oħra ta' kulleġġi mhux Ewropea? (Iva/Le) (jekk iva, jekk joħgħbok speċifika l-isem tal-kulleġġ superviżorju u tas-superviżur ewlieni):	Pajjiżi membri:	Awtoritajiet membri (jekk joħgħbok indika b'tipa grassa meta wieħed membru jew osservatur tal-kulleġġ superviżorju):
Isem il-kulleġġ superviżorju		

ANNESS II

Mudell dwar arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub tal-kulleġġ superviżorju stabbilit għall- Grupp <XY>/Istituzzjoni <A>

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

A. **Introduzzjoni**

— *Agħmel referenza għall-artikoli rilevanti tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ([1]) *relatati mal-istabbilment tal-kulleġġi u l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub: l-Artikolu 51 (fergħat sinifikanti), l-Artikolu 115 (arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni) u l-Artikolu 116 (kulleġġi tas-superviżuri). Agħmel referenza wkoll għar-Regolament Delegat (UE) 2025/791* ([2]) *u għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/790* ([3]) *u għall-artikoli rilevanti tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ([4]) *fejn huma previsti kompiti speċifiċi għall-awtoritajiet kompetenti u għall-kulleġġ superviżorju.*

— *Agħti deskrizzjoni qasira tal-għan ta' dawn l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub, u tiddeskrivi l-iskop tiegħu, u kkonferma l-ħtieġa li jkun hemm qbil u li jinżammu dawn l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub.*

B. **Grupp <XY>/Istituzzjoni <A> u identifikazzjoni tal-membri u l-osservaturi**

a. *Deskrizzjoni u struttura tal-Grupp <XY>/Istituzzjoni <A>*

— *Agħmel referenza għar-riżultati tal-eżerċizzju tal-mmappjar u kwalunkwe aġġornamenti.*

— *L-aħħar verżjoni tal-mudell tal-immappjar komplut tista' tiġi inkluża bħala Anness.*

— *Hawnhekk tista' tiġi inkluża wkoll organigramma li turi l-entitajiet superviżati u l-preżenza ġeografika tal-grupp jew tal-istituzzjoni (jew bħala Anness, kif xieraq)*

([1]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176 27.6.2013, p. 338, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj).

([2]) Ir-Regolament Delegat (UE) 2025/791 tat-23 ta' April 2025 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet ġenerali għall-funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri, u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98 (ĠU L, 2025/791, 8.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/791/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/790 tat-23 ta' April 2025 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament operattiv tal-kulleġġi tas-superviżuri (ĠU L, 2025/790, 8.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/790/oj).

([4]) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj).

b. *Identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li huma membri tal-kulleġġ*

— *Agħmel referenza għall-artikoli rilevanti tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/790 għall-identifikazzjoni tal-membri tal-kulleġġ u pprovdi l-lista tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, li aċċettaw li jsiru membri tal-kulleġġ superviżorju. Identifika liema awtoritajiet kompetenti taw l-approvazzjoni lil kumpaniji azzjonarji finanzjarji jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta f'konformità mal-Artikolu 21a tad-Direttiva 2013/36/UE.*

— *Agħmel link għall-Anness A ta' dan il-mudell (Lista ta' kuntatt)*

c. *Identifikazzjoni tal-awtoritajiet li jipparteċipaw fil-kulleġġ bħala osservaturi*

— *Agħmel referenza għall-artikoli rilevanti tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/790 għall-identifikazzjoni ta' osservaturi possibbli tal-kulleġġ u pprovdi r-riżultati tal-istediniet rispettivi indirizzati lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 3, it-tieni u t-tielet paragrafi tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791.*

— *Meta l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi jkunu ntalbu jsiru osservaturi tal-kulleġġ superviżorju, jipprovdu referenzi għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali applikabbli għall-awtoritajiet superviżorji ta' dawn il-pajjiżi terzi magħmula mill-membri kollha tal-kulleġġ superviżorju. Meta opinjoni tal-EBA dwar din il-valutazzjoni tkun ġiet ikkunsidrata, ipprovdi d-dettalji hawn.*

— *Agħmel referenza fejn japplika l-Artikolu 116 (1a) tad-Direttiva 2013/36/UE.*

— *Agħmel referenza għall-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u s-superviżur ewlieni tal-kulleġġ għall-AML/CFT.*

— *Agħmel referenza fejn japplika l-Artikolu 21b tad-Direttiva 2013/36/UE u pprovdi dettalji tal-awtorità kompetenti mitluba li ssir osservatur fil-kulleġġ superviżorju wara l-istabbiliment tal-impriża/i omm intermedja/i tal-UE.*

— *Agħmel link għall-Anness A ta' dan il-mudell (Lista ta' kuntatt)*

C. **Qafas ta' interazzjoni ta' koordinazzjoni mal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni**

— *Ipprovdi d-dettalji tal-qafas li jkopri a) il-parteċipazzjoni ta' dawn l-osservaturi fil-ħidma, l-attivitajiet u l-laqgħat tal-kulleġġ superviżorju, jew il-punti fl-aġenda tal-laqgħat, inklużi wkoll sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u events ta' impatt materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp u l-entitajiet tiegħu, fejn dan ikun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, kif ukoll l-informazzjoni li għaliha huma mistennija li jkollhom aċċess, b'mod partikolari l-ambitu, il-frekwenza, kif ukoll il-kanali siguri ta' komunikazzjoni tiegħu; imeqjusa wkoll l-indikaturi fl-Anness C; b) il-kunsiderazzjonijiet ewlenin li abbażi tagħhom is-superviżur konsolidanti jiddeċiedi li l-informazzjoni hija rilevanti għat-twettiq tal-kompitu tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.*

— *Deskrizzjoni tal-qafas miftiehem bejn is-superviżur konsolidanti u membri oħra tal-kulleġġ għall-għoti ta' input ikkoordinat lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(m) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u l-input rigward l-eżitu tal-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji, l-eżitu tal-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp, inklużi d-dettalji tal-proċess (eż. it-twaqqit u l-format tal-input; u kif il-membri l-oħra tal-kulleġġ jiġu infurmati dwar is-sottomissjoni tal-kontribut ikkoordinat).*

— *Deskrizzjoni tar-rwol tas-superviżur konsolidanti, kif miftiehem bejn is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-għoti tal-input tal-kulleġġ superviżorju lill-kulleġġ tar-riżoluzzjoni rilevanti permezz tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp.*

— *Deskrizzjoni tal-qafas biex l-informazzjoni riċevuta mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni tiġi mgħoddija lill-kulleġġ superviżorju, permezz tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, b'mod partikolari l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2)(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u inklużi d-dettalji tal-proċess (eż. it-twaqqit u l-format tal-informazzjoni; u kif il-membri l-oħra tal-kulleġġ jiġu infurmati dwar il-wasla tal-informazzjoni).*

D. **Qafas ta' interazzjoni ta' koordinazzjoni mal-kulleġġ għall-AML/CFT**

— *Ipprovdi dettalji tal-qafas li jkopru a) il-parteċipazzjoni ta' dawn l-osservaturi fil-ħidma, l-attivitajiet u l-laqgħat tal-kulleġġ, jew il-punti fl-aġenda tal-laqgħat, inklużi wkoll sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u events ta' impatt materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp u l-entitajiet tiegħu, fejn dan ikun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, kif ukoll l-informazzjoni li għaliha huma mistennija li jkollhom aċċess, b'mod partikolari l-ambitu, il-frekwenza, kif ukoll il-kanali siguri ta' komunikazzjoni tiegħu; b) il-kunsiderazzjonijiet ewlenin li abbażi tagħhom is-superviżur konsolidanti jiddeċiedi li l-informazzjoni hija rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tas-superviżur ewlieni tal-kulleġġ għall-AML/CFT.*

— *Deskrizzjoni tal-qafas biex l-informazzjoni riċevuta mill-kulleġġ għall-AML/CFT tiġi mgħoddija lill-kulleġġ superviżorju, permezz tas-superviżur ewlieni tal-kulleġġ għall-AML/CFT, b'mod partikolari dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju, il-pjanijiet superviżorji u l-miżuri superviżorji proposti.*

— *Deskrizzjoni tal-qafas għall-għoti tal-input rilevanti lill-kulleġġ għall-AML/CFT.*

E. **Qafas għall-interazzjoni mal-kulleġġ tal-konglomerat finanzjarju**

— *Deskrizzjoni tal-qafas dwar il-kooperazzjoni mal-kulleġġ stabbilit għas-superviżjoni supplimentari tal-konglomerat finanzjarju, inkluża l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata (eż. deċiżjonijiet ewlenin, eżitu tal-laqgħat).*

F. **Qafas ta' interazzjoni ta' koordinazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħra fl-Istati Membri u awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi**

— *Ipprovdi dettalji tal-qafas li jkopru (a) il-parteċipazzjoni ta' dawn l-osservaturi fil-ħidma, l-attivitajiet u l-laqgħat tal-kulleġġ superviżorju, jew il-punti fl-aġenda tal-laqgħat, inklużi wkoll sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u events ta' impatt materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp u l-entitajiet tiegħu, fejn dan ikun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, kif ukoll dwar l-informazzjoni li għaliha huma mistennija li jkollhom aċċess, b'mod partikolari l-ambitu, il-frekwenza, kif ukoll kanali siguri ta' komunikazzjoni tagħha; (b) il-kunsiderazzjonijiet ewlenin li abbażi tagħhom is-superviżur konsolidanti jiddeċiedi li l-informazzjoni hija rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi l-oħra fl-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi.*

— *Ipprovdi dettalji skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014 ([5]) dwar l-ambitu tal-involviment ta' dawn l-osservaturi fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju tal-grupp u dwar il-kontributi rispettivi tagħhom, fejn rilevanti.*

— *Deskrizzjoni tal-qafas biex l-informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra ta' pajjiżi terzi tiġi mgħoddija lill-kulleġġ superviżorju, b'mod partikolari dik dwar ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju, il-pjanijiet superviżorji u l-miżuri superviżorji proposti tagħhom, fejn rilevanti.*

G. **Qafas għall-iskambju ta' informazzjoni**

— *L-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat huwa mistenni li jkopri, bħala minimu, ir-rekwiżiti li ġejjin mid-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/59/UE, u l-artikoli rilevanti tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791. Madankollu, il-kulleġġi għandhom ukoll jimlew din it-taqsima għal kwalunkwe informazzjoni oħra speċifika għall-kulleġġ miftiehma li tiġi skambjata.*

— *Agħmel referenza għall-artikoli rilevanti tad-Direttiva 2013/36/UE, tad-Direttiva 2014/59/UE u tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 relatati mal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata u ddeskrivi hawnhekk kwalunkwe informazzjoni oħra speċifika għall-kulleġġ li għandha tiġi skambjata.*

— *B'mod partikolari, huwa mistenni li l-ftehim bejn is-superviżur konsolidanti u membri oħra tal-kulleġġ dwar is-sett speċifiku ta' indikaturi li għandhom jiġu skambjati fil-proċess tat-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju tal-grupp u biex jintlaħqu deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 113 tad-Direttiva 2013/36/UE għandu jiġi pprovdut hawnhekk. Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791, dawn l-indikaturi għandhom ikopru mill-inqas l-oqsma tal-kapital, l-ingranaġġ, il-likwidità, il-kwalità tal-assi, il-finanzjament, il-profittabbiltà, u r-riskju tal-konċentrazzjoni, u għandhom jiġu pprovduti għal kull entità fi grupp u l-impriża omm, u għall-grupp fil-livell konsolidat. Il-ftehim speċifiku għall-kulleġġ dwar il-frekwenza tal-iskambju ta' din l-informazzjoni għandu jiġi pprovdut hawnhekk ukoll, inklużi d-dettalji tal-proċess (eż. bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju tal-grupp jew permezz ta' skambji separati, eċċ.). Il-lista ta' indikaturi għandha tiġi annessa ma' dan il-ftehim ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub kif previst fl-Anness C.*

— *Fir-rigward tal-kondiviżjoni regolari tal-informazzjoni, iddeskrivi l-frekwenza (eż. kull tliet xhur) u l-kanali siguri ta' komunikazzjoni li għandhom jintużaw (eż. telekonferenzi, posta elettronika kriptata, sit web sigur speċifiku għall-kulleġġ).*

— *Iddeskrivi r-rwol tas-superviżur konsolidanti jew tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari bħala ċ-ċentru għall-ġbir u t-tixrid ta' informazzjoni essenzjali u rilevanti.*

— *Iddeskrivi n-natura flessibbli tal-qafas u kif jista' jadatta għat-tip u l-urġenza tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata.*

H. **Trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali**

— *Ikkonferma li kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali skambjata bejn il-membri u l-osservaturi għandha tintuża biss għal skopijiet superviżorji legali tal-Grupp <XY>/Istituzzjoni <A>.*

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014 tat- 23 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet uniformi tal-applikazzjoni tal-proċess ta' deċiżjonijiet konġunti dwar ir-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjonijiet skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 188, 27.6.2014, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/710/oj).

— *Uri impenn biex tiġi salvagwardjata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni skambjata u konferma li persuni li għandhom aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali, jew li jittrattawha, huma marbuta bl-obbligu tas-segretezza professjonali.*

I. **L-arranġamenti ta' governanza dwar l-inkarigu ta' kompiti u delega ta' responsabbiltajiet, fejn relevanti**

— *Ipprovdi deskrizzjoni tal-proċess fil-kulleġġ superviżorju biex tidentifika l-ħidma u l-kompiti konġunti potenzjali għall-inkarigu volontarju u kwalunkwe delega possibbli tar-responsabbiltajiet bħala parti mill-iżvilupp tal-programm ta' eżami tal-kulleġġ superviżorju u tal-awtoritajiet involuti f'dawn l-arranġamenti.*

— *Ipprovdi deskrizzjoni tal-flussi ta' informazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet involuti u l-membri l-oħra tal-kulleġġ superviżorju dwar ir-riżultati tal-ħidma u pprovdi wkoll deskrizzjoni tal-proċeduri ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet involuti u l-impriża jew l-istituzzjoni omm tal-UE, u kwalunkwe sussidjarja jew fergħa sinifikanti tagħha.*

J. **Deskrizzjoni tas-sottostrutturi differenti tal-kulleġġ, fejn rilevanti u deskrizzjoni tal-arranġament ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ kulleġġi superviżorji stabbiliti fir-rigward tal-Artikolu 21b(2) tad-Direttiva 2013/36/UE**

— *Meta l-kulleġġ superviżorju jkun organizzat f'sottostrutturi differenti (eż. sottostrtturi tal-kulleġġ ewlenin, ġenerali, speċifiċi għar-reġjun), ipprovdi deskrizzjoni ta' dawn is-sottostrutturi, il-kriterji użati biex tiġi ddeterminata s-sħubija tagħhom, il-membri u l-osservaturi ta' kull sottostruttura, kif ukoll proċeduri biex jiġu żgurati flussi ta' informazzjoni xierqa bejn is-sottostrutturi differenti tal-kulleġġ.*

— *Meta jiġu stabbiliti żewġ kulleġġi superviżorji f'konformità mal-Artikolu 21b(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, iddeskrivi s-suġġetti li dwarhom tiġi skambjata l-informazzjoni bejn il-kulleġġi u l-arranġamenti tal-kulleġġ li jiżguraw kooperazzjoni xierqa fin-negozju avvjat u bi tħejjija għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u waqthom.*

QAFAS GĦALL-IPPJANAR U L-KOORDINAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET SUPERVIŻORJI F'SITWAZZJONIJIET TA' NEGOZJU AVVJAT

K. **Qafas għall-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat**

— *Filwaqt li tibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli rilevanti tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/790, ipprovdi deskrizzjoni tal-arranġamenti speċifiċi għall-kulleġġ għall-iżvilupp, id-diskussjoni, il-ftehim u l-aġġornament tal-programm ta' eżami tal-kulleġġ superviżorju.*

L. **Politika ta' komunikazzjoni tal-kulleġġi mal-impriża jew l-istituzzjoni omm tal-UE u s-sussidjarji jew il-fergħat tagħha**

— *Ipprovdi deskrizzjoni tal-politika ta' komunikazzjoni speċifika għall-kulleġġ bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-impriża jew l-istituzzjoni omm tal-UE, kif ukoll l-entitajiet tagħha, filwaqt li tibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli rilevanti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/790.*

M. **Kwalunkwe ftehim ieħor dwar il-funzjonament tal-kulleġġ bejn is-superviżur konsolidanti jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u membri u osservaturi oħra tal-kulleġġ**

— *Ipprovdi dettalji dwar il-proċeduri miftiehma u l-iskeda taż-żmien li għandha tiġi segwita għat-tqassim tad-dokumenti tal-laqgħa.*

— *Ipprovdi d-dettalji hawn ta' kwalunkwe ftehim ieħor speċifiku għall-kulleġġ, fejn rilevanti.*

KOOPERAZZJONI F'KAŻ TA' EVENT TA' EFFETT MATERJALI AVVERS FUQ IL-PROFIL TAR-RISKJU TAL-GRUPP JEW TAL-ENTITAJIET TIEGĦU STABBILITI FI STAT MEMBRU

— *Ipprovdi deskrizzjoni tal-event u d-dettalji tal-proċess speċifiku għall-kulleġġ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri tal-kulleġġ f'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju, b'mod partikolari:*

  — *deskrizzjoni tal-karatteristiċi ta' tali event u lista ta' każijiet possibbli/potenzjali ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp jew tal-entitajiet tiegħu, meta tapplika l-proċedura deskritta hawn taħt;*

  — *il-kanal sigur primarju ta' komunikazzjoni;*

  — *it-twaqqit tas-sett ta' informazzjoni, kif inkluż fl-Anness D li għandu jiġi kondiviż fil-kulleġġ superviżorju skont in-natura, is-severità, l-impatt sistemiku potenzjali u l-probabbiltà ta' kontaġju tal-event ta' effett materjali avvers u l-evoluzzjoni prevista tiegħu;*

  — *kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li għandha tiġi kondiviża, kif miftiehem mis-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ superviżorju, flimkien mas-sett ta' informazzjoni inkluż fl-Anness D, fejn rilevanti;*

  — *rispons superviżorju kkoordinat, jekk dak jitqies neċessarju mis-superviżur konsolidanti u mill-membri tal-kulleġġ superviżorju.*

QAFAS GĦALL-IPPJANAR U L-KOORDINAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET SUPERVIŻORJI BI TĦEJJIJA GĦAL SITWAZZJONIJIET TA' EMERĠENZA U WAQTHOM

N. **Introduzzjoni u identifikazzjoni tal-persuni ta' kuntatt u d-dettalji ta' kuntatt għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

— *Agħmel referenza għall-Artikolu 112(1)(c) tad-Direttiva 2013/36/UE dwar l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji bi tħejjija għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u waqthom.*

— *Agħmel link għall-Anness B ta' dan il-mudell (Lista ta' Kuntatt ta' Emerġenza).*

O. **Informazzjoni li għandha tiġi skambjata u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'sitwazzjoni ta' emerġenza**

a. *Qafas dwar l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata waqt sitwazzjoni ta' emerġenza*

— *Iddeskrivi l-proċeduri speċifiċi għall-kulleġġ li għandhom jintużaw mill-membri tal-kulleġġ waqt sitwazzjonijiet ta' emerġenza, inkluż il-kanal sigur primarju ta' komunikazzjoni.*

— *Ipprovdu s-sett minimu ta' informazzjoni li jkun ġie speċifikat minn qabel, u li jkun mistenni li jiġi kondiviż mis-superviżur konsolidanti jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-membri l-oħra tal-kulleġġ superviżorju f'każ li tkun ġiet identifikata sitwazzjoni ta' emerġenza.*

— *Ipprovdi d-dettalji għar-rieżami tal-kapaċità tal-impriża jew tal-istituzzjoni omm tal-UE li tipproduċi s-sett ta' informazzjoni miftiehem mill-kulleġġ superviżorju. Ipprovdi deskrizzjoni ta' rieżamijiet ippjanati u l-frekwenza ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni, kif xieraq.*

b. *Qafas għall-proċeduri ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni għal sitwazzjoni ta' emerġenza*

— *Aġħmel referenza għall-artikolu rilevanti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/790 relatat ma' twissijiet għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u pprovdi deskrizzjoni tal-qafas għas-superviżur konsolidanti u l-membri l-oħra tal-kulleġġ superviżorju biex iwissu lil xulxin meta tinħoloq sitwazzjoni ta' emerġenza f'sussidjarja jew f'impriża omm tal-UE. Għandhom jiġu inklużi wkoll dispożizzjonijiet biex iwissu lill-EBA u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti fejn ikunu stabbiliti fergħat sinifikanti.*

— *Iddeskrivi l-koordinazzjoni mal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, permezz tal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, jew kulleġġi superviżorji oħrajn (eż. it-tieni kulleġġi superviżorji stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 21b(2) tad-Direttiva 2013/36/UE) jew gruppi (eż. Grupp ta' Ġestjoni tal-Kriżijiet) li jistgħu jkunu involuti fit-trattament ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li taffettwa l-grupp, jekk applikabbli.*

— *Ipprovdi referenza għall-kanali siguri ta' komunikazzjoni miftiehma li għandhom jintużaw għall-iskambju ta' informazzjoni waqt sitwazzjoni ta' emerġenza (eż. posta elettronika kriptata, sit web sigur speċifiku għall-kulleġġ).*

— *Ipprovdi lista ta' każijiet (eżempji ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza) fejn se jsiru t-twissijiet u fejn jiġu nnotifikati.*

c. *Qafas għall-ġestjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza*

— *Ipprovdi deskrizzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza li jkopri l-punti li ġejjin abbażi tal-artikoli rilevanti tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/790:*

  — *il-valutazzjoni superviżorja kkoordinata, inklużi komponenti ewlenin tal-valutazzjoni komuni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza;*

  — *ir-rispons superviżorju kkoordinat, inklużi dettalji dwar il-ħtieġa, l-ambitu u l-kundizzjonijiet għal kwalunkwe azzjoni superviżorja li għandha tiġi applikata għall-impriża jew l-istituzzjoni omm tal-UE, jew l-entitajiet jew il-fergħat tal-grupp affettwati, kif ukoll l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata fi ħdan il-kulleġġ, kif meħtieġ, mal-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u mal-EBA;*

  — *il-monitoraġġ tar-rispons superviżorju kkoordinat, inklużi kwalunkwe miżura u arranġament miftiehma.*

d. *Qafas għall-Komunikazzjoni Esterna*

— *Ipprovdi deskrizzjoni tal-qafas ta' komunikazzjoni esterna li tkopri:*

  — *l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni pubblika fl-istadji differenti ta' sitwazzjoni ta' emerġenza;*

  — *il-livell ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata filwaqt li titqies il-possibbiltà li tiġi eżerċitata diskrezzjoni sabiex tinżamm il-fiduċja fis-suq u kwalunkwe obbligu addizzjonali meta l-grupp affettwat mis-sitwazzjoni ta' emerġenza ikun elenkat f'ġuriżdizzjoni waħda jew aktar;*

  — *it-tħejjija ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi konġunti, anki fil-każ fejn awtorità kompetenti waħda biss trid tagħmel dikjarazzjoni bħal din, jekk l-interessi tal-membri l-oħra tal-kulleġġ jistgħu jkunu f'riskju;*

  — *iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u azzjonijiet li għandhom jittieħdu meta awtorità kompetenti kkonċernata ikun hemm mnejn toħroġ rapport separat;*

  — *ir-responsabbiltà li tiġi kkuntattjata l-impriża jew l-istituzzjoni omm tal-UE u s-sussidjarji jew il-fergħat tagħha, kif xieraq;*

  — *ir-responsabbiltà u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jiġu kkomunnikati azzjonijiet ikkoordinati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' emerġenza.*

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

— *Ipprovdi d-dettalji dwar l-impenn tal-awtoritajiet kompetenti li jiftiehmu dwar u jiffirmaw l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub biex japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet sakemm ikun hemm komunikazzjoni dwar id-diskontinwità ta' dawn l-arranġamenti.*

— *Il-kunsens tal-membri tal-kulleġġ superviżorju għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub jew kwalunkwe waħda mill-emendi tagħhom għandu jiġi ffformalizzat bil-miktub, li jinkludi l-aċċettazzjoni bil-posta elettronika.*

— *Jistgħu jiddaħħlu firem tal-awtoritajiet kompetenti, kif applikabbli, f'din it-taqsima jew bħala Anness. Ipprovdi kwalunkwe aġġornament dwar dawn l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub u reviżjonijiet tagħhom biex jiġu riflessi l-bidliet rilevanti miftehmin mill-membri tal-kulleġġ.*

— *Aġħmel referenza għal-lingwa ta' komunikazzjoni u, jekk applikabbli, il-pubblikazzjoni tal-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub.*

Anness A

Lista ta' kuntatt

— *L-Annessi għal dawn l-arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub huma mistennija jiġu aġġornati b'mod regolari, minħabba n-natura tagħhom.*

— *Ma huma meħtieġa l-ebda proċeduri formali ta' konsultazzjoni u approvazzjoni biex il-listi ta' kuntatt u l-listi ta' kuntatt ta' emerġenza jinżammu aġġornati. L-awtoritajiet kompetenti huma mistennija jżommu lis-superviżur konsolidanti aġġornat bi kwalunkwe bidla fil-lista ta' kuntatt u fil-lista ta' kuntatt ta' emerġenza, li għandu jiżgura li l-aħħar verżjoni disponibbli tiġi kondiviża mal-membri tal-kulleġġ superviżorju.*

L-aħħar aġġornament:			
Awtorità	Isem il-kuntatt u t-titlu tal-impjieg	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika
Superviżur konsolidanti / Awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari	1. fil-livell operattiv 2. fil-maniġment superjuri	Linja fissa Numru tal-mowbajl Linja fissa Numru tal-mowbajl	
Awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti	1. fil-livell operattiv 2. fil-maniġment superjuri	Linja fissa Numru tal-mowbajl Linja fissa Numru tal-mowbajl	
EBA			
Awtorità superviżorja ta' pajjiż terz Awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp Superviżur ewlieni tal-kulleġġ għall-AML/CFT			
Jekk rilevanti: Awtorità ta' riżoluzzjoni Awtorità AML/CFT			

Anness B

Lista ta' kuntatt ta' emerġenza

L-Aħħar Aġġornament:				
Awtorità	Isem il-kuntatt u t-titlu tal-impjieg	Numru tat-telefown	Numru barra mill-ħinijiet tal-uffiċċju	Indirizz tal-posta elettronika
Superviżur konsolidanti / Awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari	1. fil-livell operattiv 2. fil-maniġment superjuri	Linja fissa Numru tal-mowbajl Linja fissa Numru tal-mowbajl		
Awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti	1. fil-livell operattiv 2. fil-maniġment superjuri	Linja fissa Numru tal-mowbajl Linja fissa Numru tal-mowbajl		
EBA				
Awtorità superviżorja ta' pajjiż terz Awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp Superviżur ewlieni tal-kulleġġ għall-AML/CFT				
Jekk rilevanti: Awtorità ta' riżoluzzjoni Awtorità AML/CFT				
Indirizz tal-posta elettronika sigur għall-użu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza:				
URL tas-sit web sigur għall-użu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza:				

Anness C

Lista ta' indikaturi

— *Aġħmel referenza għall-ftehim bejn is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ superviżorju dwar l-identifikazzjoni tal-indikaturi li ġejjin għall-fini tal-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/790 dwar il-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji.*

— *Imla l-lista hawn taħt bl-indikaturi li għandhom jiġu skambjati, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-grupp.*

Oqsma koperti	Lista miftiehma ta' indikaturi
Oqsma obbligatorji:	
Kapital u ingranaġġ	
Likwidità	
Kwalità tal-assi	
Finanzjament	
Profittabilità	
Riskju tal-konċentrazzjoni	
Oqsma addizzjonali/fakultattivi:	

Anness D

Mudell indikattiv għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni f'każ ta' event ta' effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju

— *Aġħmel referenza għall-ftehim bejn is-superviżur konsolidanti u l-membri tal-kulleġġ superviżorju dwar l-identifikazzjoni tal-informazzjoni, li għandha tiġi kondiviża għall-fini tal-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/791 u l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/790 dwar il-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji jekk iseħħ event ta' impatt materjali avvers fuq il-profil tar-riskju tal-grupp u l-entitajiet tiegħu.*

— *Abbaži tal-mudell indikattiv ta' hawn taħt, identifika s-sett ta' informazzjoni li għandu jiġi skambjat, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-grupp u l-informazzjoni fakultattiva pprovduta fil-mudell ta' hawn taħt.*

	Tip ta' informazzjoni	Deskrizzjoni
Informazzjoni dwar l-event		
1	L-event, li għandu l-potenzjal li jikkawża effett materjali avvers fuq il-profil tar-riskju u li jiġġustifika monitoraġġ superviżorju mill-qrib	In-natura u d-deskrizzjoni tal-event, inkluża s-severità tiegħu. L-event jaffettwa biss il-grupp/l-entità/l-entitajiet fi grupp, jew jaffettwa aktar entitajiet fi Stat Membru/fl-UE?
2	L-impatt tal-event fuq is-suq finanzjarju	Jekk l-event jaffettwa aktar entitajiet fi Stat Membru/fl-UE, deskrizzjoni qasira ta' kif l-event jaffettwa s-swieq finanzjarji f'dawn il-ġuriżdizzjonijiet.
3	L-impatt sistemiku tal-event	L-event għandu potenzjal li jiżviluppa impatt sistemiku fi Stat Membru/fl-UE?
Informazzjoni dwar l-istituzzjonijiet milquta		
4	Entità milquta	Isem
5	Awtorità Kompetenti	Is-superviżur tal-entità milquta
6	Tip ta' istituzzjoni	— Istituzzjoni, inkluża istituzzjoni omm jew sussidjarja, impriża azzjonarja finanzjarja jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta — Fergħa
7	L-importanza tal-entità milquta	— L-importanza tal-entità għall-Istat Membru fejn hija awtorizzata jew approvata u — l-importanza tal-entità għall-grupp
8	Implikazzjonijiet ewlenin tal-event ta' effett materjali avvers fuq l-entità	Implikazzjonijiet diretti u indiretti tal-event fuq il-kapaċità tal-entità: — li topera fi tqallib tal-operat serju, inkluża d-disponibbiltà ta' servizzi esternalizzati, — il-fondi proprji disponibbli u l-pożizzjoni tal-likwidità, inklużi l-konċentrazzjonijiet tal-finanzjament, — il-kwalità tal-assi, inkluża kwalunkwe konċentrazzjoni ta' riskju, — il-profittabbiltà u l-karta tal-bilanċ, — il-mudell u l-istrateġija tan-negozju, — arranġamenti ta' governanza interna b'informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva attwali jew prevista.

Tip ta' informazzjoni		Deskrizzjoni
9	Għall-fini tal-Entrata 8 (Implikazzjonijiet ewlenin) jintużaw l-indikaturi li ġejjin	Mil-lista maqbula ta' indikaturi inklużi fl-Anness C, elenka dawk li jiġu kondiviżi jekk iseħħ event (dan ma jipprevjenix lis-superviżuri milli jikkondividu aktar indikaturi)
10	Vulnerabbiltajiet tal-istituzzjoni li jaggravaw l-event	Dettalji tal-vulnerabbiltajiet, li jistgħu jaggravaw l-effetti tal-event (eż. vulnerabbiltajiet tas-sistemi tal-IT, mudelli ta' prenotazzjoni, preżenza transfruntiera, kwistjonijiet legali jew regolatorji)
11	Kontaġju intragrupp	— Skoperturi intragrupp materjali lejn l-entità affettwata mill-event — Effett materjali potenzjali fuq l-entitajiet fi grupp — Arranġamenti intragrupp rilevanti oħra b'informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva attwali jew prevista.
12	Kontaġju estern	— Kontropartijiet bi skoperturi materjali għall-entità milquta mill-event — Arranġamenti rilevanti oħra b'potenzjal li jikkawżaw kontaġju b'informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva attwali jew prevista.
Azzjonijiet, miżuri u komunikazzjoni		
13	Miżuri u azzjonijiet meħuda mill-grupp	Miżuri u azzjonijiet meħuda mill-entità u l-impatt tagħha fuq — il-kapaċità tagħha li topera fi tqallib tal-operat serju, inkluża d-disponibbiltà ta' servizzi esternalizzati, — il-fondi proprji disponibbli u l-pożizzjoni tal-likwidità, dwar il-konċentrazzjonijiet tal-finanzjament, — il-kwalità tal-assi tagħha, inkluża kwalunkwe konċentrazzjoni ta' riskju, — il-profittabbiltà u l-karta tal-bilanċ tagħha, — il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħha, — l-arranġamenti ta' governanza interna tagħha b'informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva attwali jew prevista.
14	Miżuri u azzjonijiet ippjanati li għandhom jittieħdu mill-grupp	Miżuri u azzjonijiet li huma ppjanati li jittieħdu mill-istituzzjoni/grupp, u l-impatt mistenni tagħhom fuq — il-kapaċità tagħha li topera fi tqallib tal-operat serju, inkluża d-disponibbiltà ta' servizzi esternalizzati, — il-fondi proprji disponibbli u l-pożizzjoni tal-likwidità, dwar il-konċentrazzjonijiet tal-finanzjament, — il-kwalità tal-assi tagħha, inkluża kwalunkwe konċentrazzjoni ta' riskju, — il-profittabbiltà u l-karta tal-bilanċ tagħha, — il-mudell u l-istrateġija tan-negozju tagħha, — l-arranġamenti ta' governanza interna tagħha. b'informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva attwali jew prevista.
15	Azzjonijiet meħuda mill-Awtorità Kompetenti	Deskrizzjoni tal-azzjonijiet, l-għan u l-effett(i) tagħhom.
16	Azzjonijiet ippjanati li għandhom jittieħdu mill-Awtorità Kompetenti	Deskrizzjoni tal-azzjonijiet, l-għan u l-effett(i) previst(i) tagħhom.
17	Komunikazzjoni Esterna tal-grupp	Stqarrijiet għall-istampa u komunikazzjonijiet esterni oħra tal-grupp.
18	Komunikazzjoni esterna ppjanata tal-Awtorità Kompetenti	Stqarrijiet għall-istampa u komunikazzjonijiet esterni oħra ppjanati mill-Awtorità Kompetenti.

ANNESS III

Tabella ta' korrelazzjoni

Dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni	Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/99
mhux applikabbli	Artikolu 1
Artikolu 1	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
Artikolu 3	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9	Artikolu 9
Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 11
Artikolu 12	—
Artikolu 13	Artikolu 12
Artikolu 14	Artikolu 13
Artikolu 15	Artikolu 14
Artikolu 16	Artikolu 15
Artikolu 17	Artikolu 16
Artikolu 18	Artikolu 17
Artikolu 19	Artikolu 18
Artikolu 20	Artikolu 19
Artikolu 21	—
Artikolu 22	Artikolu 20
Artikolu 23	—
Artikolu 24	Artikolu 21
Artikolu 25	Artikolu 22
Artikolu 26	Artikolu 23
Artikolu 27	Artikolu 24
Artikolu 28	
Artikolu 29	Artikolu 25